# BEATI U QADDISIN...APRIL

## BEATA KATERINA MORIGI DI PALLANZA

## 6 TA' APRIL



Twieldet gewwa Pallanza (Novara) lejn is-sena 1437. Jidher li l-gibda lejn il-hajja qaddisa zvillupat fiha bis-sahha tal-predikatur gharef Alberto da Sarteano, frangiskan li kien jghix fil-kunvent ta' Milan, insejjah Sant' Anglu. Infatti, ftit wara is-sena 1450, fegg grupp ta' nisa twajba li kienu jghixu hajja ta' eremiti fil-grotti ta' Sacro Monte gewa Varese, taht il-gwida spiritwali tas-santwarju marjan ta' dak il-lokal.

Kienet Katerina li fis-sena 1472 -1473 waqqfet grupp stabbli ta' hames nisa u bis-sahha tad-Duka ta' Milan Galeazzo Maria Sforza, talbet lill-Papa Sistu IV il-permess li tghix hajja ta' eremita,

imwaqqfa fuq it-talb, u penitenza, skont ir-regola ta' Santu Wistin u l-kostituzzjoni ta' l-Ordni ta' l-Abbazija ta' Sant' Ambrogju gewwa Nemus u barra minn dan talbet ukoll il-fakulta' li tirrecita l-uffizju divin skont ir-rit Ambrosjan.

Bil-bolla ta' l-10 ta' Novembru l-Papa awtorizza t-twaqqif tal-monasteru skont ix-xewqa ta' Katerina u gew iffissati l-limiti territorjali ta' fejn kellhom jabitaw. Il-kommunita' bdiet il-hajja gdida taghha fl-10 ta' Awissu tas-sena 1476 meta wara li s-sorijiet hadu l–voti u rcevew il-velu iswed bhal tal-Klarissi, ghazlu lil Beata Katerina bhal l-ewwel superjura taghhom. Hija zammet din il-kariga sakemm mietet fis-6 ta' April tas-sena 1478. Warajha ntghazlet bhala badessa jew superjura Benedetta da Biumo wahda mill-ewwel kumpanni taghha li kitbet il-biografija tal-beata.

Il-festa liturgika tal-beata hija celebrata fis-6 ta' April fis-santwarju tal-MonteSacro di Varese u meta tahbar fir-Randan tkun postposta ghas-27 ta' April.